ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-2 FEB 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

2 ta' Frar 2023

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/8755/21* |
| *Lokazzjoni:* | *Office, Ten Green Bottles, Triq l-Imdina, Zebbug* |
| *Proposta:* | To sanction change of use from showroom to Class 4A, internal partitions at first floor level and minor internal alterations at ground floor level. |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Raymond Avallone f' isem AVA Properties Limited**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 8755/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Awtorita u ppublikata fl- 4 ta' Jannar 2023, l-istess Awtorita approvat l-applikazzjoni in kwistjoni billi pero irriduciet il-multa pagabbli fl-ammont ta' Euro 14,693.60.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghall- kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi s-sit jinsab f' zona fabrikabbli liema zona hija area of containment.

1.2 Illi huwa car illi l- Avviz Legali li jirregola il- multi huwa intenzjonat sabiex jkun ta' kastig akbar f' kaz ta' sit li mhux fabriballi komperat ma sit li huwa fabrikabbli.

1.3 Illi huwa car illi kull ma intalab fis-sit huwa tibdil fl-uzu u mhux zvilupp li b' xi mod holoq impatt.

1.4 Illi allura, il-multa ghandha tigi riveduta u mnaqqsa.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jnaqqas il-multa pagabbli, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u sabiex jixhed fuq processi ta' zvilupp simili.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**